



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' Novembru 2012 (20.11)
(OR. en)**

16131/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0309 (COD)**

LIMITE

**ENER 461
ENV 847
MARE 8
COMAR 16
PROCIV 178
CODEC 2646**

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Coreper/Kunsill

Nru prop. Cion: 16175/11 ENER 344 ENV 832 MARE 1 COMAR 1 PROCIV 144 CODEC 1871

Suġġett: **TĦEJJIJA TAL-KUNSILL TTE (ENERĠIJA)**

TAT-3 TA' DIĊEMBRU 2012

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore

- Rapport tal-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali

Introduzzjoni

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta msemmija hawn fuq fis-27 ta' Ottubru 2011, li tipproponi bħala bażi legali l-Artikolu 192 TFUE. Ingħatat preżentazzjoni mill-Kummissjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill TTE (Enerġija) fl-24 ta' Novembru 2011. Ġie ppreżentat rapport ta' progress¹ waqt il-laqgħa tal-Kunsill TTE (Enerġija) fil-15 ta' Ġunju 2012, li jipprovdi gwida għall-eżami ulterjuri tal-fajl.
2. Fid-9 ta' Ottubru 2012, il-Kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew ivvota dwar il-proposta u pprovda lir-relatur, is-Sur Ivo Belet, mandat għal negozjar mal-Kunsill.

¹ Ara d-dok.10205/12

3. Għandu jintlaħaq malajr kemm jista' jkun ftehim fl-ewwel qari bejn iż-żewġ Istituzzjonijiet dwar l-abozz tad-Direttiva dwar is-sikurezza offshore. Il-Presidenza u r-relatur għaldaqstant qablu li jkollhom l-ewwel trilogu informali fid-29 ta' Novembru 2012, bil-għan li jiġu identifikati l-pożizzjonijiet rispettivi taż-żewġ Istituzzjonijiet u biex jintlaħaq qbil dwar mod adatt 'il quddiem.

Sitwazzjoni attwali

4. Waqt l-eżami estensiv mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija taħt il-Presidenza Ċiprijotta tqajjem diversi tħassib minn delegazzjonijiet dwar aspetti differenti tal-proposta. Il-Presidenza ilha kontinwament tfttex soluzzjonijiet ta' kompromess li fformaw il-bażi ta' abbozz ta' mandat għall-ewwel trilogu informali li sar fid-29 ta' Novembru 2012.
- Mingħajr preġudizzju għal tħassib speċifiku ta' delegazzjonijiet individwali, id-deskrizzjoni li ġejja tirrifletti fil-qosor il-kwistjonijiet ewlenin diskussi u t-tħassib imqajjem mid-delegazzjonijiet:
- (a) Strument legali - Regolament jew Direttiva
 - Wara d-diskussjoni fil-korpi preparatorji tal-Kunsill, u wara li tqieset l-emenda tal-PE biex tinbidel il-forma legali f'Direttiva, sar abbozzar mill-ġdid tal-abbozz tat-test tal-Kunsill fil-forma ta' Direttiva.
 - (b) Parteċipazzjoni tal-pubbliku fir-rigward ta' esplorazzjoni ppjanata taż-żejt u tal-gass offshore
 - Minkejja li l-prinċipju ta' din id-dispożizzjoni, li jiddetta li għandha ssir konsultazzjoni pubblika, jew fl-istadju tal-ippjanar jew f'dak tal-proġett qabel iseħħ tħaffir ta' esplorazzjoni, ġeneralment hu milqugħ mid-delegazzjonijiet, bosta delegazzjonijiet għandhom tħassib dwar l-inklużjoni ta' din id-dispożizzjoni fid-Direttiva. Skont dawn, kien ikun aħjar li kieku tqiegħed fil-leġislazzjoni ambjentali rilevanti.
 - (c) Responsabbiltà għal ħsara ambjentali
 - Xi delegazzjonijiet jixtiequ jespandu s-sistema ta' responsabbiltà skont id-Direttiva biex jinkludu wkoll responsabbiltajiet oħra flimkien mar-responsabbiltà ambjentali. Madankollu, bosta delegazzjonijiet jistgħu jaqblu mal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi limitat l-ambitu għal ħsara ambjentali.

(d) Awtorità kompetenti

- Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-awtorità kompetenti ġew diskussi b'mod estensiv mill-korpi preparatorji tal-Kunsill minħabba t-tħassib serju li qajmu bosta delegazzjonijiet. Madankollu, bosta delegazzjonijiet jistgħu jaqblu li bħala minimu għandha tiġi żgurata indipendenza funzjonali tal-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, l-abbozz tat-test tal-Kunsill jistabbilixxi li r-riżorsi umani u finanzjarji tal-awtorità kompetenti għandhom ikunu proporzjonali mal-livell ta' operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore tal-Istat Membru. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-awtorità kompetenti għadhom taħt konsiderazzjoni mid-delegazzjonijiet.

(e) Operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore li jitwettqu barra l-Unjoni

- Id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar operazzjonijiet offshore barra l-Unjoni huma maħsuba biss għal Stati Membri b'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore skont il-ġurisdizzjoni tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu rappurtar obbligatorju mill-kumpanniji bbażati fl-UE u li joperaw barra l-Unjonu dwar inċidenti kbar li fihom kienu involuti sabiex jikkontribwixxu għat-titjib kontinwu tas-sigurtà ta' operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u tal-ħarsien ambjentali relatati għal operazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni. Minkejja li dan il-prinċipju ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġeneralment jista' jiġi appoġġat, dawn għadhom qed jiġu kkonsidrati minn xi delegazzjonijiet.

(f) Effetti transkonfinali

- Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-effetti transkonfinali jirriflettu l-eżitu ta' diskussjoni komprensiva fil-korpi preparatorji tal-Kunsill, speċjalment fir-rigward tal-interazzjoni bejn l-Istati Membri bi u mingħajr operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fil-kuntest ta' tħejjija u rispons għall-emerġenzi. Għal raġunijiet ta' ċarezza, tqies adatt li d-dispożizzjonijiet kollha dwar effetti transkonfinali jiġu allokatu għal kapitulu ġdid li jidher li hu aċċettabbli għad-delegazzjonijiet.

(g) Traspożizzjoni u destinatari

- Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva mhumieq maħsuba għall-Istati Membri “mingħajr kosta”. Fir-rigward ta’ Stati Membri b’kosta iżda mingħajr operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore skont il-ġursidizzjoni tagħhom, u li mhux qed jippjanaw li jilliċenzjaw tali operazzjonijiet, ikollhom biss l-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar tħejjija u rispons għall-emerġenzi u penalitajiet.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jieħu nota tas-sitwazzjoni attwali li għandha titressaq mill-Presidenza waqt il-Kunsill TTE (Enerġija) fit-3 ta’ Diċembru 2012. Ser jingħata aġġornament ulterjuri ta’ din in-Nota b’mod orali mill-Presidenza fil-laqgħa tal-Kunsill.
